

22003D0142

12.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 41/23

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 142/2003****tas-7 ta' Novembru 2003**

**li temenda l-Anness II (Ir-regolamenti tekniċi, l-istandards, it-testijiet u c-ċertifikazzjoni) tal-Ftehim
dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 107/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2382/2002 tat-30 ta' Diċembru 2002 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 94/92 li jistabbilixxi regoli ddetjaljati sabiex jiġu implementati l-arranġamenti għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi pprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ⁽²⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 223/2003 tal-5 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet tal-għoti tat-tikketti li għandhom x'jaqsmu mal-metodu organiku tal-produzzjoni tal-għalf, tal-għalf kompost u tal-materjali tat-tgħam u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ⁽³⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 54b (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2092/91):
 - “– **32002 R 2382:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2382/2002 tat-30 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 120),
 - **32003 R 0223:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 223/2003 tal-5 ta' Frar 2003 (ĠU L 31, tas-6.2.2003 p. 3).”;
2. Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zzf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1788/2001):

“54zzg. **32003 R 0223:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 223/2003 tal-5 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet tal-għoti tat-tikketti li għandhom x'jaqsmu mal-metodu organiku tal-produzzjoni tal-għalf, tal-għalf kompost, u tal-materjali tat-tgħam u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 31, tas-6.2.2003, p. 3).”

⁽¹⁾ ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 120.

⁽³⁾ ĠU L 31, tas-6.2.2003, p. 3.

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolamenti tal-Kummisjoni (KE) Nri 2382/2002 u 223/2000 fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2003, sakemm in-notifikasi kollha skond l-Artikolu 103 (*) tal-Ftehim ikunu ġew magħmulu lill-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tīgi ppubblikata fit-taqṣima ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmulu fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ma huma indikati l-ebda ġhtiġiet kostituzzjonali.